**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**ĠUDIKATUR**
**DR JEAN PAUL GRECH**
B.A., LL.D, M.Juris. (INT. LAW), Adv. Trib. Eccl. Melit

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa, 29 ta' Settembru 2023**

Kawża Numru: 7/2021 (JPG)

**Carmela Grech**

**vs**

**Segretarju Permanenti Ministeru**
**Ghal-Ghawdex**

- **Preliminari**

It-Tribunal,

Ra l-avviż tat-talba tal-attrici Carmela Grech ipprezentat fit-30 ta' Lulju 2021 fejn l-attrici ippremettiet s-segwenti: -

> *"Illi l-attrici kienet involuta f'incident li sehh nhar is-sbatax (17) ta' Frar, tas-sena elfejn u wiehed u ghoxrin (2021) meta waqt li kienet ghaddeiia bil-mixi minn Pjazza San Frangisk, Rabat, Ghawdex tfixklet fir-reflectors tad-dawl li jinsabu fl-art bil-konsegwenza li hija wagghet wiccha fl-art u garret griehi konsiderovli kif ukoll soffriet danni ingenti per konsegwenza ta' dan l-incident;*
>
> *Ghid ghalhekk inti konvenut ghaliex dan it-Tribunal ma ghandux jillikwida l-ammont ta' danni sofferti mill-mittenti u jikkundannak thallas l-ammont hekk likwidat min dan it-Tribunal in konnessioni ma' dan l-incident;*
>
> *Illi minkejja li gejt interpellat diversi drabi sabiex thallas l-imsemmija spejjez inti bqajt inadempjenti u ma hallastx.*

*Bl-ispejjez tal-prezenti procedura, tal-Ittra Legali tat-22 ta' Marzu, 2021, tal-Ittra Ufficcjali Nru. 349/2021 u bl-imghaxijiet skond il-Ligi u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa inti ingunt."*

Ra ir-risposta tal-intimat is-Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru għal-Għawdex:-

*1. Illi l-ebda responsabbilita' ma hi imputabbli fil-konfront tal-esponenti konvenut ghall-incident mertu ta' din il-kawza;*

*2. Illi l-esponenti joġġezzjona b'mod sħiħ u kategoriku għal dawn id-danni li l-attriċi qed tittenta titlob stante li l-allegazzjonijiet taghha fil-konfront tieghu huma infondati fid-dritt u fil-fatt;*

*3. Illi d-danni li allegatament soffriet l-attriċi gew ikkawzati unikament minħabba traskuraġni u aġir da parti tagħha u mhux minħabba xi nuqqas da parti tal-esponenti;*

*4. Illi skont l-artikolu 1031 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, "kull wieħed iwieġeb għall-hsara li tiġri bi ħtija tiegħu";*

*5. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjeż kollha kontra l-attriċi.*

Ra l-atti kollha tal-proċess;

Sema' x-xhieda kollha prodotti mill-partijiet kif wkoll sema' t-trattazzjoni legali tal-partijiet, liema trattazzjoni saret waqt aċċess li inżamm mit-Tribunal fuq il-post tal-incident;

- ***<u>Kunsiderazzjonijiet Legali u Fattwali</u>***

Ikkunsidra

In tema legali jingħad li din hija kawża għal dikjarazzjoni ta' responsabbilita u likwidazzjoni danni. Ir-responsabilita` ċivili toħroġ mill-prinċipju rifless fl-artikolu 1031 tal-Kap 16 li jistabbilixxi illi *"kull wiehed iwiegeb għall-hsara li tigri bi htija tiegħu"*. A tenur ta' l-Artikolu 1032(1) tal-Kap 16 huwa fi ħtija kull min jonqos milli juża l-prudenza, l-għaqal u d-diliġenza ta' missier tajjeb tal-familja. L-artikolu 1033 imbagħad jkompli jgħid li *"kull min bil-hsieb jew mingħajr hsieb li jagħmel deni, għax ikun irid jew b'nuqqas ta' diligenza, ta' prudenza jew ta' hsieb, jagħmel jew jonqos li jagħmel xi haga li biha jikser xi dmir impost mil-ligi"*

huwa obbligat li jirriżarċixxi d-danni li jkun ikkaġuna lill-persuna li tkun soffriet danni per kawża ta' dak l-aġir. Il-frażi *"dmir impost mil-ligi"* għandha tinftiehem bħala li tirreferi għal kull tip ta' ksur ta' xi liġi jew dover li l-liġi timponi fuq persuna f'ċirkostanzi speċifiċi. Dan l-obbligu huwa bbażat fuq il-massima legali *qui non facit quod facere debet videtur facere adversus ae quae non fecit*.

F'każ bħal dak odjern, l-attriċi hija taħt l-obbligu li mhux biss tipprova l-att jew l-ommissjoni kommessa mill-intimat iżda wkoll in-ness bejn id-danni mġarrba minnha u l-aġir lamentat.

Il-fattispecie ta' dan il-każ huma s-segwenti: l-attrici tispjega li nhar is-sbatax (17) ta' Frar 2021 hija kellha bzonn tmur l-ufficju tal-Awtorita tad-Djar fi Triq Enrico Mizzi, Victoria. Hija ipparkjat il-vettura tagħha wara l-Knisja ta' San Franġisk u bdiet miexja fid-direzzjoni tal-uffiċju fejn riedet tmur. Hekk kif waslet fi Pjazza San Franġisk quddiem entratura laterali li twassal għall-uffiċju tal-anzjani fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex, hija sabet il-bankina ostakolata minħabba xogħlijiet li kienu qegħdin isiru u b'hekk kellha tinżel timxi fit-triq. Hija u għaddejja mit-triq, Grech tfixklet f'reflectors li kienu ġew installati mal-ġenb tat-triq intiżi biex jiggwidaw il-vetturi matul il-ħinijiet tal-lejl, waqgħet fl-art u ġarrbet ġrieħi konsiderevoli. Fost affarijiet spiċċat tajret sinna li eventwalment hija kellha taqlagħha u tagħmel implant minflokha. Grech tattribwixxi r-responsabbilita ta' dan l-incident lis-Segretarju Permanenti tal-Ministeru għal Għawdex għall-fatt li l-bankina kienet ostakolata u ma setgħetx tintuża min-nies bil-konsegwenza li hija kellha tgħaddi minn mal-ġenb tat-triq.

Min-naħa tiegħu s-Segretarju Permanenti jikkontesta tali responsabbilita. Isostni li r-responsabbilita għal tali inċident hija unikament u esklussivament tal-attrici u għalhekk huwa ma kienx tenut li jagħmel tajjeb għal xi danni li setgħet soffriet l-attrici.

It-Tribunal fela fid-dettal ix-xhieda u d-dokumenti kollha prodotti u jislet is-segwenti kunsiderazzjonijiet ta' fatt:

(1) Il-Ministeru għal Għawdex kien responsabbli għat-twettiq ta' xogħol ta' rinovar fi Pjazza San Franġisk. Dan ikkonfermah il-Perit Godwin Sultana fid-deposizzjoni li huwa ta quddiem dan it-Tribunal.[1] Il-Perit Sultana jagħmilha cara li kien il-Ministeru għal Għawdex li wettaq dan il-proġett u ħa ħsieb l-implimentazzjoni ta' dan l-istess proġett mill-bidu sal-aħħar;

(2) Minkejja dak li iddikjara l-Perit Godwin Sultana fin-nota preżentata minnu fis-sebgħa u għoxrin (27) ta' April 2023 u ċioe li x-xogħlijiet fil-Pjazza kienu ġew kompletati fis-sebgħa u għoxrin (27) ta' Lulju 2020, ir-ritratti li ġew esebiti mill-

[1] Ara xhieda tal-Perit Godwin Sultana mogħtija fis-seduta tas-19 ta' April 2023.

attrici u li ittieħdu ftit ħin wara li seħħ l-incident juru mid ieħor. **<u>Ir-ritratti J2, J3, J4 u J7 jindikaw li x-xogħlijiet assolutament ma kinux lesti</u>**. Biss biss biżżejjed jingħad li pajpijiet tas-servizzi kienu għadhom barra u mhux magħluqa u d-dawl dekorattiv tal-faccata tal-Ministeru lanqas kien għadu twaħħal. Infatti f'dawn ir-ritratti jidhru numru ta' toqob fl-art li eventwalment fihom ġie installat id-dawl dekorattiv għall-faccata tal-Ministeru għal Għawdex. Dan ġie verifikat mit-Tribunal stess waqt l-access li inżamm meta qabbel ir-ritratti esebiti ma' dak li attwalment hemm fis-sit illum;

(3) Ir-ritratti esebiti jikkonfermaw wkoll li l-bankina kienet ostakolata b'pellets u numru ta' madumiet li jintużaw fil-kostruzzjoni tal-bankini. Dawn kienu mitfugħin 'l hawn u 'l hinn tul il-Bankina u parti minnhom kienu qegħdin jintużaw biex jitgħattew toqob li kien hemm fl-istess bankina. Fir-ritratt J3 saħansitra dan il-madum kien qed jokkupa kważi l-ispazju kollu tal-bankina bil-konsegwenza li min ikun għaddej bil-mixi irid bil-fors jinżel fit-triq biex jevita li jaqa' fil-madum;

(4) Minkejja dawn l-ostakoli li kien hemm, ma jidher li kien hemm l-ebda arranġamenti magħmula minn min kien responsabbli mix-xogħlijiet biex nies li jkunu għaddejjin bil-mixi jgħaddu minn postijiet alternattivi li ma jkun fihom l-ebda ostakolu jew ingombru. L-attrici għalhekk spiccat li kellha tinżel mill-bankina u timxi mal-ġenb tat-triq biex tkompli miexja lejn id-destinazzjoni tagħha. Kienet ir-responsabbilita ta' min kien qed jagħmel dan il-proġett – f'dan il-każ il-Ministeru għal Għawdex – li jara li jipprovdi aċċess specifiku minn fuq il-bankina jew post ieħor li jkun liberu minn kull ostakolu u perikolu biex in-nies jkollhom minn fejn jgħaddu bil-mixi b'mod sigur u mingħajr riskji u mingħajr ma jkunu kostretti li jgħaddu mal-ġenb tat-triq kif ġara f'dan il-każ. Wieħed jifhem li x-xogħlijiet jridu jsiru; pero fl-istess ħin it-Tribunal ma jqisx li t-tħollija ta' materjal fin-nofs ta' bankina intiża għall-użu tan-nies mingħajr ma fl-istess ħin jiġi provdut passaġġ sigur għan-nies kien aġir responsabbli da parti tal-Ministeru għal Għawdex u tal-ħaddiema tiegħu. Anzi huwa evidenti ta' traskuraġni grassa u ta' nuqqas ta' rispett ta' regolamenti bażiċi dwar saħħa u sigurta. L-attriċi waqgħet propju għaliex minħabba l-ingombru li kien hemm fuq il-bankina kienet kostretta timxi mal-ġenb tat-triq. Saqajha tfixklet fil-car reflectors u ġiet wiċċha fl-art. Il-ġrieħi li soffriet l-attriċi ġew spjegati fid-dettal mill-istess attrici u sostnuti b'ċertifikati mediċi u anke affidavit tad-dentista Dr Marion Farrugia Cassar;

(5) Għalkemm il-Perit Sultana fix-xhieda tiegħu sostna li r-reflectors tat-triq li fihom waqgħet l-attriċi huma standard u approvati internazzjonalment, dawn huma disinjati effettivament għall-vetturi u mhux għan-nies li jkunu mexjin. Għalhekk għalkemm dawn ir-reflectors jistgħu jitqiesu li huma siguri għall-vetturi u ma joffru l-ebda ostakolu għall-mogħdija tagħhom, mhux l-istess jista' jingħad għan-nies li jkunu mexjin. Il-fatt li dawn ir-reflectors jisporġu 'l fuq mill-art – kif sewwasew

jispjega l-Perit Sultana – jikkostitwixxi perikolu (hazard) għal min ikun għaddej bil-mixi fit-triq peress li faċilment wieħed jista' jitfixkel fihom. Għalhekk żgur li persuna li tkun għaddejja bil-mixi m'għandha qatt tkun kostretta li tgħaddi minn post fejn jkun hemm dawn ir-reflectors, kif sewwasew ġara f'dan il-każ. L-attrici kellha bil-fors tgħaddi minn mal-ġenb tat-triq fejn kien hemm dawn ir-reflectors propju għaliex il-bankina kienet ostakolata u ma kien hemm l-ebda aċċess alternattiv intiż biex jintuża minn persuni li jkunu għaddejjin bil-mixi.

Abbażi ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet it-Tribunal iqis għalhekk li l-intimat għandu jitqies unikament responsabbli għall-incident li seħħ. In-nuqqasijiet tal-intimat huma ovvji. It-Tribunal iqis inaċċettabbli li bankina f'post frekwentat minn daqshekk nies bħal ma hi Pjazza San Franġisk kellha titħalla fl-istat li jidher fir-ritratti esebiti u fl-istess ħin ma jittieħdu l-ebda forma ta' prekawzjonijiet biex titħares is-saħħa u sigurta ta' nies li jkunu għaddejjin bil-mixi. Huwa ovvju wkoll li l-ġrieħi sofferti mill-attriċi ġew kaġunati b'riżultat dirett ta' dan l-inċident.

- **<u>Likwidazzjoni tad-Danni</u>**

Stabbilita r-responsabbilita tal-incident, it-Tribunal issa irid jeżamina jekk per konsegwenza ta' dan l-inċident l-attrici soffrietx danni u kemm kien l-ammont ta' danni sofferti minnha. Mill-affidavit tad-dentista Dottor Marion Farrugia Cassar u anke miċ-ċertifikati mediċi li ġew preżentati, jirriżulta li l-attrici soffriet ksur f'sinna minnhom tant li kellha taqla' din is-sinna u tagħmel implant. Ir-ritratti li ġew esebiti wkoll juru li l-attriċi ħadet daqqa mhux ħażin x'ħin waqgħet fl-art. Infatti jidhru l-ġrieħi li hija soffriet f'ħalqha. Minn dawn ir-ritratti huwa verosimili li l-attrici kisret parti mis-sinna bil-waqa'.

Il-proċedura sabiex isir l-implant li sar neċessarju minħabba din il-waqa' ammonta għas-somma ta' elfejn sitt mija u tletin ewro (€ 2,630) li tħallsu f'żewġ pagamenti separati. L-ewwel sar depositu ta' mitt ewro (€ 100) u imbagħad l-attrici ħallset il-kumplament tal-procedura u li kienet tammonta għas-somma ta' elfejn ħames mija u tletin ewro (€ 2,530). Ġew anke preżentati l-rċevuti relattivi għal dawn il-ħlasijiet maħruġa mid-dentista Dr Farrugia.[2] Apparti dan l-ammont, fl-atti ma ġew preżentati l-ebda ricevuti ta' xi spejjeż oħra li inkorriet l-attriċi in konnessjoni ma' dan l-inċident. Għalhekk abbażi tal-provi prodotti mill-attriċi, id-danni li hija soffriet per kawża ta' dan l-inċident qed jiġu likwidati fl-ammont ta' elfejn sitt mija u tletin ewro (€ 2,630).

- ***<u>Decide</u>***

---

[2] Fol. 24 tal-proċess u dokument E anness mal-affidavit ta' Carmen Grech.

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq espressi u l-kunsiderazzjonijiet hemm magħmula dan it-Tribunal qiegħed jaqta' u jiddeciedi din il-kawza billi filwaqt li qiegħed jiċħad l-eċċezzjonijiet kollha sollevati mill-intimat, qiegħed jilqa' talbiet kollha tal-attrici u jikkundanna lill-intimat sabiex iħallas lill-attrici l-ammont ta' elfejn sitt mija u tletin ewro (€ 2,630) bl-imgħaxxijiet bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-effettiv pagament.

L-ispejjez tal-prezenti istanza kif wkoll l-ispejjez relattivi għall-ittra legali tat-tnejn u għoxrin (22) ta' Marzu 2021 u dik ufficjali numru 349/2021 għandhom jkunu kollha a karigu tal-intimat.

(ft)Dr Jean Paul Grech LL.D.
*Ġudikant*

(ft)Rebekah Mizzi
*Deputat Reġistratur*

Vera Kopja

Għar-Reġistratur